DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE Nru 96/2019

tad-29 ta' Marzu 2019

li temenda l-Anness XX (Ambjent) tal-Ftehim ŻEE [2020/844]

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1478 tat-3 ta' Ottubru 2018 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323 li taġġorna l-Lista Ewropea tal-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti skont ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim ŻEE.

(2) Jenħtieġ għalhekk, li l-Anness XX tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inċiż segwenti jiżdied fil-punt 32fhd (id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2323) tal-Anness XX tal-Ftehim ŻEE:

"— **32018 D 1478**: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1478 tat-3 ta' Ottubru 2018 (ĠU L 249, 4.10.2018, p. 6)."

Artikolu 2

It-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1478 bil-lingwa Iżlandiża u b'dik Norveġiża, li se jiġi ppubblikat fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandu jkun awtentiku.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-30 ta' Marzu 2019, bil-kundizzjoni li jkunu saru n-notifiki kollha skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Marzu 2019.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE
Il-President
Claude MAERTEN

[1] ĠU L 249, 4.10.2018, p. 6.

(*) Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.